**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 486/2011**

**Illum: 28 ta' Novembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Omar Bekbak**
**(ID 418588(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Omar Bekbak ta' 22 sena, imwieled Pieta` fid-9 ta' Settembru 1988, residenti Flora Flats, Flat 6, St. Albert Street, Gzira, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 418588(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Jannar 2011 u fit-tlitt xhur ta' qabel din id-data:

a) Produca, biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-imputat iwiegeb illi m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar il-25 ta' Jannar 2011, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ossia PC 10 Trevor Cassar Mallia, PS 891 Oscar Baldacchino u PS 579 Antoine Micallef kienu qeghdin jaghmlu ronda gewwa Ta' Xbiex, meta raw vettura fi fiha kien hemm tliet zghazagh ossia certu Justin Zahra li kien fis-*seat* tax-xufier, Sarah Zammut, li kienet qeghda bil-qeghda quddiem bhala passiggier u l-imputat odjern li kien qieghed fuq wara. Saret tfittxija fil-vettura u fuq il-persuni msemmija u fil-waqt illi ma nstab xejn fuq Zahra, fuq wara l-imputat kellu pakkett tas-sigaretti li fih instabet sustanza suspettata raza tal-cannabis u fil-pussess ta' Sarah Zammit, ukoll instabet bicca raza tal-cannabis.[1] Bekbak u Zammit gew arrestati u ttiehdu fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal investigazzjoni ulterjuri.

L-imputat odjern irrilaxxja stqarrija lill-pulizija dakinhar stess tal-25 ta' Jannar 2011, u dan wara li huwa nghata s-solita twissija skont il-ligi, kif ukoll id-dritt illi huwa jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx.[2]

Fil-mori tal-proceduri, il-Prosekuzzjoni esebiet is-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat odjern bhala Dok. DT. Mir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, mahtur f'dawn il-proceduri sabiex janalizza s-sustanza esebita mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokument ghall-analizi tieghu

[1] Ara x-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia, a fol. 25 sa 28 tal-process; ix-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef, a fol. 30 u 31 tal-process u x-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino, a fol. 46 sa 48 tal-process.
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 4 u 4A tal-process.

ossia *envelope* ta' lewn kannella li kien fih: borza tal-plastik trasparenti li fiha: i) karta bil-kliem Data: 25/1/11 Hin: 1.00 pm Elevat/i minn hdejn Omar fil-prezenza ta' Omar Bekbak minn PS 579, PS 891, PC 10 (ii) kaxxa tas-sigaretti li fiha 2 sigaretti u iii) sustanza ta' lewn kannella.

Skont il-konkluzjoni tal-istess espert, minn fuq is-sustanza ta' lewn kannella f'dan id-dokument, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC).* Il-piz tas-sustanza kien ta' 2.98 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 5.0%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.[3]

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' traffikar tar-raza tal-cannabis u bil-pussess 'semplici' tar-raza tal-cannabis.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (a), huwa evidenti illi l-unika prova li ngabet mill-Prosekuzzjoni hija l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar il-25 ta' Jannar 2011. Il-Qorti tirrileva illi d-difiza fl-ebda mument ma' kkontestat il-validita` jew l-ammissibilita` ta' din l-istqarrija, izda anzi fit-trattazzjoni finali taghha tghid hekk: "*Ahna qatt m'ghidna li l-istqarrija giet mehuda b'qerq jew xi theddid. L-istqarrija hi dik li hi. Jigifieri ahna qed noqghodu fuqha. U mhux qed naqilghu problemi fuq l-istqarrija. Fil-fatt il-klijent tieghi jammetti fl-istqarrija u mhux qed nghid ghax ammetta allura saret b'qerq … L-istqarrija hi dik li hi u hi tajba*".[4]

Effettivament, id-difiza qed issostni illi fid-dawl tal-istqarrija tal-imputat, il-kaz mhuwiex wiehed ta' traffikar pur u semplici, izda huwa kaz ta' traffikar *by sharing* u li ghalhekk il-Qorti ghandha tapplika l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, mistoqsi jghid x'kien qed jaghmel fil-karozza ta' Zahra gewwa Ta' Xbiex, huwa jghid illi "*konna qed inpejpu joint tal-cannabis jien w sarah*". Jikkonferma li nstabet fil-pussess tieghu bicca raza tal-*cannabis* u li hu kien ilu jpejjep ir-raza ghal madwar tliet xhur. Jghid ukoll meta gie ssuggerit lilu illi l-bicca raza tal-cannabis li sabu l-pulizija fuq Sarah, kien tahielha hu, illi "*iva mill-bicca raza tal-cannabis li xtratli hi ta' 25 euros minn hdejn id-detox jien min*

[3] Ara a fol. 37 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 65 tal-process.

*jheddi qbadt w tajtha dik il-bicca zghira li sabu l-pulizija ghandha. Nghid ukoll li flus ma tlabtiex*".

Jirrizulta mill-atti illi kien a bazi ta' din id-dikjarazzjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu illi huwa gie akkuzat bir-reat ta' traffikar fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti tinnota illi ghalkemm is-sustanza misjuba fil-pussess ta' Zammit ma gietx esebita in atti u per konsegwenza lanqas ma giet analizzata, biss bil-fatt illi l-imputat odjern jammetti illi huwa kien taha bicca mir-raza tieghu u bil-fatt ukoll illi jirrizulta mill-analizi tax-Xjenzat Sammut illi s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat kienet verament raza tal-cannabis, allura jsegwi illi dik li l-imputat ghadda lil Zammit kienet raza wkoll.

Fil-waqt illi l-Prosekuzzjoni tissottometti illi bil-fatt illi l-imputat odjern provda d-droga lil Sarah Zammit, huwa ghandu jinstab hati ta' traffikar ai termini tal-imputazzjoni (a), id-difiza da parti taghha ssosnti illi dan kien kaz klassiku ta' *sharing* stante illi l-imputat qasam id-droga tieghu ma' Zammit, dawn marru Ta' Xbiex u pejjpu r-raza hemmhekk.

Dwar dan il-Qorti tinnota illi fil-waqt illi mistoqsi mill-Qorti jekk it-tliet zghazagh fil-vettura kinux qed ipejjpu xi *joint* fil-hin illi gew avvicinati mill-pulizija, PC 10 Trevor Cassar Mallia jwiegeb "*Le ma jidhirlix*"[5], da parti tieghu, l-imputat jghid illi hu u Sarah kienu qeghdin ipejpu *joint* tal-cannabis. A bazi ta' dawn iz-zewg verzjonijiet, il-Qorti tqis u temmen illi x'aktarx sal-hin li l-pulizija avvicinaw il-vettura, l-imputat u Zammit kienu diga` pejjpu mill-cannabis li kellhom fil-pussess taghhom u dan qed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-vettura kienet wieqfa meta nnutawha l-pulizija. Fil-fehma tal-Qorti, bil-fatt illi l-imputat kien ghadda mid-droga tieghu lil Zammit u mbaghad huma kkunsmaw mid-droga li kellhom fl-istess post u fl-istess hin, jikkostitwixxi traffikar *by sharing* kif issostni d-difiza. Issa veru illi Zammit kienet ghadha fil-pussess ta' bicca raza tal-*cannabis* meta saret it-tfittxija mill-pulizija, izda minn imkien ma jirrizulta x'kienu ser jaghmlu t-tliet zghazagh b'dik id-droga ossia l-intenzjoni li kellhom, li kieku ma gewx imwaqqfa. Li kieku Sarah Zammit kienet ser titlaq bid-droga li kien pprovdielha l-imputat allura ma kienx ikun izjed kaz ta' *sharing*. Biss fil-mument li huma twaqqfu, huma kienu ghadhom fil-vettura wieqfa gewwa Ta' Xbiex flimkien u ghalhekk mhux eskluz illi kienu ser ikomplu jikkunsmaw minn dik id-droga. In linea mal-principju illi d-dubju ghandu jmur dejjem favur l-imputat, il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa' s-sottomissjonijiet tad-difiza u dan fis-sens illi fil-waqt illi l-

[5] A fol. 26 tal-process.

imputazzjoni (a) tirrizulta sodisfacentement ippruvata, madankollu, it-traffikar qed jigi meqjus bhala traffikar *by sharing* u ghaldaqstant, il-Qorti ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-imputazzjoni (b), apparti dak illi jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat, m'hemm l-ebda dubju illi s-sustanza li, skont il-konkluzjonijiet tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, irrizultat illi kienet raza tal-cannabis, instabet f'pakkett tas-sigaretti li kien fil-pussess tal-imputat odjern. PC 10 Trevor Cassar Mallia jghid illi kien hu li ghamlet tfittxija fuq l-imputat u sab li kellu pakkett tas-sigaretti li kien fih bicca blokka suspettata raza. Da parti tieghu, PS 891 Oscar Baldacchino jghid illi dan il-pakkett gie elevat mill-vettura, min-naha fejn kien hemm Bekbak. Il-Qorti tinnota illi kien biss l-istess imputat li kien qieghed bil-qeghda fuq wara fil-vettura, fil-waqt illi Zahra kien bil-qeghda fis-*seat* tax-xufier u Zammit kienet qeghda fuq quddiem u fuqha wkoll instabet sustanza suspettata raza tal-cannabis. Ghalhekk anke fid-dawl tax-xhieda ta' PC 10 li, kif inghad, wettaq it-tfittxija fuq l-imputat, m'hemmx dubju illi huwa kien fil-pussess tar-raza tal-cannabis.

Ghaldaqstant din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

In kwantu l-piena dwar iz-zewg imputazzjonijiet, il-Qorti qeghda tqis il-fedina penali aggornata tal-imputat, liema fedina penali tinkludi kundanni dwar reati kontravvenzjonali, reati taht il-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u serq aggravat. Dwar dan l-ahhar reat, l-imputat inghata Ordni ta' *Probation*.

Tqis ukoll l-ammont ta' raza li nstabet fil-pussess tal-imputat, li ma kienx xi ammont kbir u li ghalkemm ir-raza misjuba fil-pussess ta' Zammit ma gietx esebita, fix-xhieda tieghu, l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Dennis Theuma jiddeskriviha bhala bicca "*zghira*", fil-waqt illi ddeskriva dik fil-pussess tal-imputat bhala "*kbira*".

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (b) qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghall-perjodu ta' tletin (30) xahar mil-lum u in oltre fir-rigward tal-imputazzjoni (a) qed tikkunannah ukoll ghall-piena ta' multa ta' hames mitt ewro

(€500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkometti reat iehor matul il-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata. In oltre wissietu wkoll illi l-beneficcju moghti mill-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta japplika darba biss.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti tali spejjez ghas-somma ta' mija, hamsa u sittin ewro u ghoxrin centezmu (€165.20), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat